31990L0629

L 341/14 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 6.12.1990

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Ottubru 1990

li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur

(90/629/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l- nkoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 82/318/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi l-esperjenza prattika u l-iżvilupp teknoloġiku juru li huwa possibbli li titjieb is-sigurtà fit-toroq bl-applikazzjoni ta' ħtiġiet simili għal dawk li diġà jeżistu fil-kategoriji tal-vetturi M_2 b'massa massima permessibbli li teċċedi 3 500 kilogramma u M_3 (xarabanks) li s'issa ma kienux koperti u biex ġeneralment jiġu estiżi l-ħtiġiet għall-pożizzjonijiet ta' bil-qiegħda, s'issa mhux koperti, ta' kategoriji oħra ta' vetturi;

Billi l-esperjenza turi li xi definizzjonijiet u ħtiġiet eżistenti għandhom jiġu kemm kemm aġġustati;

Billi l-protezzjoni kontra t-tendenza ta' "żliq" għandha titjieb, li tista' tigi pprovduta bil-pożizzjonament modifikat ta' l-ankoraġgi għaċ-ċinturini tas-sigurtà u/jew modifiki għall-kostruzzjoni tas-sedil;

Billi għandha tiġi żviluppata proċedura ta' test li tippermetti t-titjib fil-livell ta' protezzjoni li għandu jintwera; Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ f'vetturi bil-mutur,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I mad-Direttiva 76/115/KEE, huwa hawnhekk emendat skond l-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. B'effett mill-1 ta' Mejju 1991 ebda Stat Membru ma jista', għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ankoraġġi għal ċinturini tas-sigurtà:

— jirrifjuta, fir-rigward ta' tip ta' vettura, li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE, jew li joħroġ il-kopja taċ-ċertifikat prevista fl-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 70/156/KEE [3], jew li jagħti l-approvazzjoni nazzjonali tat-tip, jew

— jipprojbixxi d-dħul fis-servizz ta' vetturi

jekk l-akoraġġi f'din it-tip ta' vettura jew f'dawn il-vetturi jikkonformaw mal-ħtiġiet tad-Direttiva 76/115/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Lulju 1992 Stati Membri:

— m'għandhomx iktar joħorġu l-kopja taċ-ċertifikat prevista fl-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 70/156/KEE fir-rigward ta' tip ta' vettura,

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni nazzjonali tat-tip fir-rigward ta' tip ta' vettura

li fiha l-ankoraġġi ma jikkonformawx mal-ħtigiet tad-Direttiva 76/115/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

3. B'effett mill-1 ta' Lulju 1997 Stati Membri jistgħu jipprojbixxu d-dħul fis-servizz ta' vetturi li fihom l-ankoraġġi ma jikkonformawx mal-ħtiġiet tad-Direttiva 76/115/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1992, tipproċedi għal reviżjoni ulterjuri tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/115/KEE u l-iktar ta' l-Anness I, il-punt 4.4.3 tiegħu, sabiex titjieb il-protezzjoni kontra r-riskju ta' żliq, liema emenda tista' tinkludi miżuri ġodda u metodi ta' test dinamiċi relatati.

[1] ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 6.
[2] ĠU L 139, tad-19.5.1982, p. 9.
[3] ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Mejju 1991. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 1990.

Għall-Kummissjoni
Martin BANGEMANN
Viċi-President

L-ANNESS

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

Wara l-punt 1.6, jiżdied il-punt ġdid 1.6.1:

"1.6.1. 'sedil ta' quddiem tal-passiġġieri' jfisser kwalunkwe sedil fejn 'il-punt H l-iktar 'il quddiem' tas-sedil in kwistjoni huwa fi jew quddiem il-pjan transvers vertikali mill-punt-R tas-sewwieq."

Il-punt 4.2.1.1, għandu jiġi emendat biex jaqra:

"inkorpora retratturi. *Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal vetturi li għalihom, skond il-punt 43, huma permessi biss ċinturini addominali għal pożizzjonijiet ta' bil-qiegħda fuq quddiem esterjuri.* Jekk ankoraġġi..."

(Il-bqija jibqa' kif inhu)

Il-punt 4.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4.3. **In-numru minimu ta' ankoraġġi ta' ċinturini li għandu jiġi pprovdut (ara l-Appendiċi 1).**

4.3.1. Kwalunkwe vettura fil-kategoriji M u N (ħlief dawk il-vetturi li jinkludu postijiet diżinjati speċjalment għal passiġġieri bil-wieqfa fil-kategoriji M_2 ta' iktar minn 3,5 tunnellati u M_3) għandha tkun mgħammra b'ankoraġġi ta' ċinturini ta' sigurtà li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

4.3.2. In-numru minimu ta' ankoraġġi ta' ċinturini tas-sigurtà għal kull pożizzjoni ta' bil-qiegħda diretta 'l quddiem għandu jkun kif speċifikat fl-Appendiċi 1.

4.3.3. Madankollu, għal pożizzjonijiet esterjuri ta' bil-qiegħda- ta' xort' oħra minn quddiem- ta' vetturi tal-kategorija M_1, murija fl-Appendiċi 1 u mmarkati bis-simbolu Ø, żewġ ankoraġġi iktar baxxi huma permessi, fejn jeżisti passaġġ bejn sedil u l-ġenb l-iktar qrib tal-vettura maħsub sabiex jippermetti aċċess ta' passiġġieri għal partijiet oħra ta' vettura. Spazju bejn sedil u ġenb huwa kkunsidrat passaġġ, jekk id-distanza bejn dak il-ġenb, bil-bibien kollha magħluqa, u pjan vertikali longitudinali li jgħaddi mil-linja ċentrali tas-sedil ikkonċernat- imkejjel fil-pożizzjoni punt-R u dritt lejn il-pjan medjan longitudinali tal-vettura- huwa iktar minn 500 mm.

4.3.4. Għall-pożizzjonijiet ta' bil-qiegħda ċentrali ta' quddiem murija fl-Appendiċi 1 u mmarkati bis-simbolu *, żewġ ankoraġġi iktar baxxi għandhom jiġu kkunsidrati adegwati meta l-*windscreen* jinstab barra ż-żona ta' referenza definita fl-Anness II mad-Direttiva 74/60/KEE; jekk jinstabu ġewwa din iż-żona ta' referenza, tliet ankoraġġi huma meħtieġa.

Fir-rigward ta' ankoraġġi taċ-ċinturini, il-*windscreen* huwa kkunsidrat bħala parti miż-żona ta' referenza meta jista' jidħol f'kuntatt statiku ma' l-apparat tat-test skond il-metodu deskritt fl-Anness II mad-Direttiva 74/60/KEE

4.3.5. Għall-pożizzjonijiet kollha ta' bil-qiegħda murija fl-Appendiċi 1 u mmarkati bis-simbolu #, kull pożizzjoni esposta ta' bil-qiegħda, kif definita fil-punt 4.3.6, għandha tkun mgħammra b'żewġ ankoraġġi iktar baxxi.

4.3.6. 'Pożizzjoni esposta ta' bil-qiegħda' hija waħda fejn ma hemm ebda 'protezzjoni' fis-sedil ta' quddiem fl-ispazju definit li ġej:

— bejn żewġ pjanijiet orizzontali, waħda mill-punt H u l-oħra 400 mm fuqu,

— bejn żewġ pjanijiet vertikali longitudinali li huma simmetriċi fir-rigward tal-punt-H u huma 400 mm 'l boghod minn xulxin,

— wara pjan transers vertikali 1,30m mill-punt H.

Għall-iskopijiet ta' din il-ħtiega 'protezzjoni' tfisser superfiċi ta' saħħa adattata u li ma turi ebda skontinwitajiet b'atli mod li, jekk sfera ta' djamteru ta' 165 mm tigi proġettata geometrikament f' direzzjoni longitudinali orizzontali minn kwalunkwe punt ta' l-ispazju definit fuq u miċ-ċentru ta' l-isfera, imkien f'din il-protezzjoni ma hemm kwalunkwe fetħa li minnha tista' tghaddi l-projjezzjoni ġeometrika ta' l-isfera.

Sedil huwa kkunsidrat "pożizzjoni esposta ta' bil-qiegħda", jekk protezzjonijiet fl-ispazju definit fuq ghandhoam arja kombinata ta' superfiċi ta' inqas minn 800 $ċm^2$.

4.3.7. Għas-sedili kollha li jingħalqu, kif ukoll is-sedili kollha ta' kwalunkwe vettura li mhumiex koperti fil-punti 4.3.1 sa 4.3.5, ebda ankoraġġi taċ-ċinturini ma huma meħtieġa. Madankollu, jekk il-vettura hija mgħammra b' ankoraġġi għal dawn is-sedili, dawn l-ankoraġġi għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

F'dan il-każ, żewġ ankoraġġi iktar baxxi għandhom ikunu suffiċjenti."

Il-punt 4.4.3 jaqra kif ġej:

"4.4.3. *Il-Post ta' ankoraġġi effettivi iktar baxxi taċ-ċinturini (ara l-Appendiċi 2)*

4.4.3.1. Sedili ta' quddiem, kategorija tal-vettura M_1

F'vetturi bil-mutur tal-kategorija M_1 l-angolu á1 (ta'xort' oħra min-naħa tal-bokkla) għandu jkun fil-firxa ta' 30 sa 80° u l-angolu α2 (in-naħa tal-bokkla) għandu jkun fil-firxa ta' 45 sa 80°. Iż-żewġ ħtiġiet ta' l-angolu għandhom ikunu validi għall-pożizzjonijiet normali kollha ta' vvjaġġar tas-sedili ta' quddiem. Fejn mill-inqas wieħed mill-angoli α1 u α2 huwa kostanti fil-pożizzjonijiet kollha normali ta' użu, il-valur tiegħu għandu jkun 60 ± 10°g.

Fil-każ ta' sedili aġġustabbli b' mezz ta' aġġustar kif deskritt fil-punt 1.12, b'angolu ta' inklinazzjoni tad-dahar tas-sedil ta' inqas minn 20° (ara l-Anness III, figura 1), l-angolu á1 jista' jkun taħt il-valur minimu (30g) stabbilit fuq, sakemm mhuwiex inqas minn 20° fi kwalunkwe pożizzjoni normali ta' użu.

4.4.3.2. Sedili ta' wara, kategorija tal-vettura M_1

F'vetturi bil-mutur tal-kategorija M_1 l-angoli α1 u α2 għandha tkun fil-firxa ta' 30 sa 80° għas-sedili kollha ta' wara. Jekk is-sedili ta' wara huma aġġustabbli l-angoli ta' fuq għandhom ikunu validi għall-pożizzjonijiet kollha normali ta' vvjaġġar.

4.4.3.3. Sedili ta' quddiem, kategoriji ta' vetturi ta' xort' oħra minn M_1

Fil-kategoriji tal-vetturi bil-mutur ta' xort' oħra mill-angoli M_1, α1 u α2 għandhom ikunu bejn 30 sa 80° għall-pożizzjonijiet kollha normali ta' vvjaġġar tas-sedili ta' quddiem. Meta fil-każ ta' sedili ta' quddiem ta' vetturi b'massa massima li ma teċċedix 3,5 tunnellati mill-inqas wieħed mill-angoli α1 u α2 huwa kostanti fil-pożizzjonijiet kollha normali ta' użu, il-valur tiegħu għandu jkun 60 ± 10°.

4.4.3.4. Sedili ta' wara u sedili speċjali ta' quddiem u ta' wara, kategoriji ta' vetturi ta' xort' oħra minn M_1

F' vetturi ta' kategoriji ta' xort' oħra minn M_1, fil-każ ta':

— sedili forma ta' bank,

— sedili aġġustabbli (quddiem u wara) b' mezz ta' aġġustar kif deskritt fil-punt 1.12 b' angolu tad-dahar tas-sedil ta' inqas minn 20° (ara l-Anness III, il-figura 1), u

— sedili oħra ta' wara,"l-angoli α1 u α2 jistgħu ikunu bejn 20 u 80° fi kwalunkwe pożizzjoni normali ta' użu. Meta fil-każ ta' sedili ta' quddiem ta' vetturi b'massa massima ta' vetturi li ma teċċedix 3,5 tunnellati mill-inqas wieħed mill-angoli α1 u α2 huwa kostanti fil-pożizzjonijiet kollha normali ta' użu, il-valur tiegħu għandu jkun 60 ± 10°.

Il-punt l-antik 4.4.3.3 isir 4.4.3.5.

Żid fl-aħħar ta' 4.4.4.1:

"Meta konfigurazzjoni ta' żewġ bibien tintuża sabiex jingħata aċċess għal kemm is-sedili ta' quddiem kif ukoll ta' wara u l-ankoraġġ ta' fuq huwa mqabbad mal-punt "B", is-sistema għandha tiġi ddiżinjata b'tali mod li ma timpedix aċċess għal jew egress mill-vettura."

Wara l-punt 5.2.3, jiżdied punt ġdid 5.2.4:

"5.2.4. Jekk jintuża metodu ta' test ieħor barra minn dak preskritt fil-punti 5.2.1 sa 5.2.3 ta' din id-Direttiva, għandha l-ewwel tiġi fornita evidenza li hija ekwivalenti."

Il-Punt 5.3.5.3 jaqra kif ġej:

"5.3.5.3. Meta manifattur iforni l-vettura tiegħu b'ċinturini ta' sigurtà, l-ankoraġġi korrispondenti taċ-ċinturini jistgħu, fuq it-talba tal-manifattur, jiġu sottomessi biss għal test li fih it-tagħbijiet huma trasmessi lilhom permezz ta' mezz li jirriproduċi l-ġeometrija tat-tip ta' ċinturini li għandhom jiġu annessi ma' dawn l-ankoraġġi."

Il-punr 5.3.6 jaqra kif ġej:

"5.3.6. Jekk ma huma pprovduti ebda ankoraġġi ta' ċinturini ta' fuq għas-sedili esterjuri u għas-sedili taċ-ċentru, l-ankoraġġi taċ-ċinturini iktar baxxi għandhom jiġu sottomessi għat-test preskritt f'5.4.3, li fihom it-taghbijiet huma trasmessi lil dawn l-ankoraġġi permezz ta' mezz li jirriproduċi l-ġeometrija ta' ċinturin addominali."

Il-Punt 5.4.1.2 jaqra kif ġej:

"5.4.1.2. Għal vetturi fil-kategoriji M_1 u N_1, tagħbija ta' test ta' 1 350 ± 20 daN għandha tiġi applikata b'mezz ta' trazzjoni (ara l-Anness IV, il-figura 2) anness ma' l-ankoraġġi taċ-ċinturini ta' l-istess ċinturin permezz ta' mezz li jirriproduċi l-geometrija taċ-ċinga mat-torso ta' fuq ta' dan iċ-ċinturin ta' sigurtà.

Għal vetturi fil-kategoriji M_2 u N_2, it-tagħbija tat-test għandha tkun 675 ± 20 daN.

Għal vetturi fil-kategoriji M_3 u N_3, it-tagħbija tat-test għandha tkun 450 ± 20 daN."

Il-Punt 5.4.1.3 jaqra kif ġej:

"5.4.1.3. Għal vetturi fil-kategoriji M_1 u N_1, fl-istess ħin forza ta' trazzjoni ta' 1 350 ± 20 daN għandha tiġi applikata għal mezz ta' trazzjoni (ara l-Anness IV, il-figura 1) anness maż-żewġ ankoraġġi taċ-ċinturini l-iktar baxxi.

Għal vetturi fil-kategoriji M_2 u N_2, din it-tagħbija ta' test għandha tkun 675 ± 20 daN.

Għal vetturi fil-kategoriji M_3 u N_3, dinit-tagħbija tat-test għandha tkun 450 ± 20 daN."

Il-punt 5.4.2.1 jaqra kif ġej:

"5.4.2.1. Għal vetturi fil-kategoriji M_1 u N_1, tagħbija ta' test ta' 1 350 ± 20 daN għandha tiġi applikata lil mezz ta' trazzjoni (ara l-Anness IV, il-figura 2) anness ma' l-ankoraġġ taċ-ċinturin ta' fuq u ma' l-ankoraġġ oppost taċ-ċinturin iktar baxx bl-użu, jekk fornit mill-manifattur, ta' retrattur imqabbad fl-ankoraġġ taċ-ċinturin ta' fuq.

Għal vetturi fil-kategoriji M_2 u N_2, din it-tagħbija tat-test għandha tkun 675 ± 20 daN.

Għal vetturi fil-kategoriji M_3 and N_3, din it-tagħbija tat-test għandha tkun 450 ± 20 daN."

Il-Punt 5.4.2.2 jaqra kif ġej:

"5.4.2.2. Għal vetturi fil-kategoriji M_1 u N_1, fl-istess ħin forza ta' trazzjoni ta' 1 350 ± 20 daN għandha tigi applikata lil mezz ta' trazzjoni (ara l-Anness IV, il-figura 1) imqabbad ma' l-ankoraġġi taċ-ċinturin l-iktar baxx.

Għal vetturi fil-kategoriji M_2 u N_2, din it-tagħbija tat-test għandha tkun 675 ± 20 daN.

Għal vetturi fil-kategoriji M_3 u N_3, din it-tagħbija tat-test għandha tkun 450 ± 20 daN."

Il-Punt 5.4.3 jaqra kif ġej:

"5.4.3. *Test fil-konfigurazzjoni ta' ċinturin addominali.*

Għal vetturi fil-kategoriji M_1 u N_1, tagħbija t'a test ta' 2 225 ± 20 daN għandha tiġi applikata lil mezz ta' trazzjoni (ara l-Anness IV, il-figura 1) imqabbad maż-żewġ ankoraġġi l-iktar baxxi taċ-ċinturin.

Għal vetturi fil-kategoriji M_2 u N_2, din it-tagħbija tat-test għandha tkun 1 110 ± 20 daN.

Għal vetturi fil-kategoriji M_3 u N_3, din it-tagħbija tat-test għandha tkun 740 ± 20 daN."

Il-Punt 5.4.4.2, jemenda s-sentenza li żdiedet mad-Direttiva 82/318/KEE sabiex jaqra:

"Fil-każ ta' vetturi fil-kategoriji M_2 u N_2, din il-forza għandha tkun ugwali għal 10 darbiet il-piż tas-sedil intier; għall-kategoriji M_3 u N_3 għandha tkun ugwali għal 6,6 darbiet il-piż tas-sedil komplet."

Issostitwixxi l-punti antiki 5.4.5.2 u 5.4.5.3 bil-ġdid 5.4.5.2:

"5.4.5.2. Għal vetturi fil-kategoriji M_1 u N_1, fl-istess ħin, forza ta' trazzjoni ta' 1 350 ± 20 daN għandha tigi applikata għal mezz ta' trazzjoni (ara l-Anness IV, il-figura 3) imqabbad maż-żewġ ankoraġġi l-iktar baxxi taċ-ċinturini.

Għal vetturi fil-kategoriji M_2 u N_2, din it-tagħbija ta' test għandha tkun 675 ± 20 daN.

Għal vetturi fil-kategoriji M_3 u N_3, din it-tagħbija ta' test għandha tkun 450 ± 20 daN."

Żid l-Appendiċi ġodda 1 u 2 ma' l-Anness I kif ġej:

"Appendiċi 1

NUMRU MINIMU TA' PUNTI TA' ANKORAĠĠ

Kategoriji tal-vetturi	Pożizzjonijiet esterjuri ta' bil-qiegħda			Pożizzjonijiet ċentrali ta' bil-qiegħda	
	Quddiem		Ta' xort' oħra minn quddiem	Quddiem	Ta' xort' oħra minn quddiem
	Sewwieq	Passiġġier			
M_1	3	3	Ø 3	*	2
M_2 ≤ 3,5 tunnellata	3	3	#	*	#
M_2 > 3,5 tunnellata	3	3	#	2	#
M_3	3	3	#	2	#
N_1	3	3	#	*	#
N_2	3	3	#	*	#
N_3	3	3	#	*	#

Noti:

2: żewġ ankoraġġi iktar baxxi li jippermettu l-installazzjoni ta' ċinturin addominali
*: jirreferi għall-punt 4.3.4.
#: jirreferi għall-punti 4.3.5. u 4.3.6.
3: żewġ ankoraġġi iktar baxxi u ankoraġġ wieħed iktar għoli li jippermettu l-installazzjoni ta' ċinturin tas-sigurtà bi tlett punti, bl-eċċezzjoni ta' sedili esterjuri ta' quddiem fuq vetturi fil-kategoriji M_1, N_1 u M_2, b'massa massima tal-vettura li ma teċċedix 3,5 tunnellati, li għalihom l-ankoraġġi għandhom jippermettu l-installazzjoni ta' ċinturin tas-sigurtà tat-tip Ar.
Ø: jirreferi għall-punt 4.3.3."

"Appendiċi 2

IL-POST TA' L-ANKORAĠĠI IKTAR BAXXI, ĦTIĠIET TA' L-ANGOLU BISS: α(°)

	Ħtiġiet antiki		Ħtiġiet ġodda	
	M_1	Ta' xort'oħra minn M_1	M_1	Ta' xort'oħra minn M_1
Quddiem (estern u ċentru)				
- in-naħa tal-bokkla	30-80	30-80	45-80	30-80
- ta' xort' oħra min-naħa tal-bokkla	30-80	30-80	30-80	30-80
- kostanti ta' l-angolu	50-70	30-80	50-70	50-70
- il-bank:	30-80	20-80		
- in-naħa tal-bokkla			45-80	20-80
- ta' xort' oħra min-naħa tal-bokkla			30-80	20-80
- sedil aġġustabbli b' angolu tas-sedil ta' wara < 20°	20-80	20-80	20-80	20-80
			45-80 (*)	
Wara (estern u ċentru)	20-80	20-80	30-80	20-80
Sedil li jingħalaq	Ebda ankoraġġ taċ-ċinturini ma huwa meħtieġ. Jekk huwa mwaħħal l-ankoraġġ: ara l-ħtiġiet ta' l-angolu Quddiem u Wara			

(*) 'ta' xort' oħra min-naħa tal-bokkla' (α1): 20 - 80°
'in-naħa tal-bokkla' (α 2): 45-80 °
(it-tnejn: jekk l-angolu mhuwiex kostanti: ara l-punt 4.4.3.1.)"